MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 235/2002/1

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance Plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel Caruana u l-istess Emanuel Caruana c/o Elmo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Joseph Gauci**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm122.00c (mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti danni wara incident ta' traffiku bejn Stephen Caruana bil-van STE 028 assikuarat mal-kumpanija attrici u mutur FAF 759 misjuq mill-konvenut.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut jghid li ma hu bl-ebda mod responsabbli ta' dana l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Road Accident Report fejn Stephen Caruana qal li kien ghaddej lejn 'Thursday Disco' u f'daqqa wahda gie mutut minn faccata u baqa diehel go fih. Il-konvenut qal li meta kien sejjer lejn l-Ghar ta' San Martin gie van minn faccata tieghu u hu ghafas il-brejks biex jevitah izda skidja, waqa u baqa diehel fil-van.

Ra s-seduta mizmuma fl-24 ta' Gunju, 2002 fejn xehed il-konvenut Joseph Gauci fejn qal li kien qed idur blind corner bil-mutur tieghu fuq in-naha tax-xellug tieghu. Qal ukoll li meta ra l-van gej fid-direzzjoni opposta, qisu f'nofs tat-triq, ghafas il-brejks izda dahlu go xulxin minhabba li ma setawx jghaddu t-tnejn li huma bil-velocita li kienu ghadejjin. Jikkonferma x'qal fir-Road Accident Report. Jghid ukoll li ra l-vettura tal-assigurata mas-socjeta' attrici skidja imbaghad saret il-habta.

Ra s-seduta datata 3 ta' Frar, 2003 li fiha xehed PS 1133 Joe Borg fejn investiga dan l-incident u jghid li ma ghamilx skizz ghax il-vetturi ma baqghux fil-post wara l-incident. Jikkonferma li fejn gara l-incident huwa skomdu ghaz-zewg sewwieqa ghaliex hemm blind corner u bhala tarmak ma jghaddux komdi zewg vetturi. Izda jghid ukoll li bhala mutur u karrozza jghaddu sew.

Ra l-istess seduta tat-3 ta' Frar, 2003 li fiha xehed Stephen Caruana, prodott mis-socjeta' attrici, fejn qal li ra l-konvenut gej bil-mutur kien ghadu l-boghod. Jghid li l-konvenut meta rah skiddja u baqa diehel taht il-vettura ta' Stephen Caruana. Qabel l-incident jghid li kien diga resaq barra mit-tarmak u dahal fix-xall. Jikkonferma li zewg vetturi jghaddu mit-triq. Jghid ukoll li l-vettura tieghu halliha fejn kienet izda l-konvenut caqlaq il-mutur tieghu. Stephen Caruana qal li l-konvenut qallu biex kulhadd jitlaq b'li ha izda hu m'accettax il-proposta.

Ikkunsidra:

Illi l-attur Caruana, wara l-incident informa l-Pulizija li kien ghaddej, f'daqqa wahda gie mutur minn faccata u ghalkemm ipprova jiskapulah l-mutur skidja u baqa diehel fil-gemb tal-van.

Illi l-konvenut informa l-Pulizija li kien qed isuq il-mutur meta f'daqqa wahda gie van minn faccata tiehu u hu ghafas il-brejk biex jevitah izda skidja l-mutur u waqa u baqa diehel fil-van.

Illi jirrizulta li l-konvenut kien responsabbli ghal incident ghaliex skond il-verzjoni tieghu stess hu kien qed isuq f'triq li ma tantx kellu vizwali – ghalhekk kellu isuq b'speed bil-mod hafna biex jassikura li seta jieqaf jekk kellu bzonn. Illi skond il-konvenut l-attur kien "fuq in-naha tieghu imma qisu fin-nofs tat-triq". Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-konvenut (kieku kien qed isuq b'attenzjoni rikjesta mill-ligi) seta ghadda fuq in-naha tieghu b'mutur. Izda l-konvenut ghafas il-brejk u skidja. Il-konvenut jghid li l-iskid hadu fi-nofs tat-triq. Il-konvenut kellu d-dover li isuq fuq ix-xellug u mhux fin-nofs. L-incident gara ghaliex il-konvenut ma kienx qed isuq bl-attenzjoni rikjesta mill-ligi; ma kienx qed izomm fuq ix-xellug tat-triq u meta ra lil-attur ghafas il-brejk u tilef il-kontrol tal-karozza tieghu.
Ghaldaqstant, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni. Id-danni ma gewx kontestati.

It-tribunal, jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil atturi l-ammont ta' Lm122.00c (mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------